# Beati u Qaddisin ...Frar

4 ta' Frar San Giovanni de Britto

Kienu jsejhulu "Saver il-Gdid" il-Portugizi u l-Indjani lill-missjunarju Giovanni de Britto, imwieled f'Lisbona u maqtul ghall-fidi ta' Kristu gewwa Oriur fil-Marava' fl-Indja.




Meta kellu 12 il-sena Giovanni marad bit-T.B. u t-tobba iddikjarawh bhala kaz disperat. Ommu talbet il-fejqan tieghu lil San Frangisk Saverju anzi obbligatu b'vot li tlibbes lil binha bil-libsa tal-Gizwiti ghal sena shiha. Meta fieq wara ftit jiem, Giovanni libes it-tunika tal-gizwiti ghal sena shiha. Wara li ntemmet is-sena tal-weghda, ftit zmien wara Giovanni talab li jidhol jaghmel parti mill-kumpannija ta' Gesu'. Minn naha tal-provincjal ma kien hemm problema izda sab tfixkil minn nahat ohra. Madanakollu fis-17 ta' Dicembru 1662, meta kellu 15 il-sena Giovanni dahal fin-novizzjat tal-Gizwiti gewwa Lisbona. Wara gie mibghut gewwa Evora u aktar tard f'Coimbra biex jkompli l-istudji tieghu. Dejjem u kull fejn kien kellu l-fama li kien student intelligent hafna.

Waqt l-istudji tieghu huwa hass s-sejha biex imur missjunarju bhal San Frangisk Saverju. Kellu l-kuragg jikteb darbtejn minn wara dahar is-superjuri immedjati

tieghu, lil General Padre Oliva, jitolbu li jaghtih il-grazzja li jmur il-missjoni fl-Indja. Tawh il-permess li jmur ma' l-ewwel grupp ta' sacerdoti li jkun imissu jitlaq lejn dawk l-inhawi. Izda biex dan il-permess jigi fis-sehh kellu jistenna sentejn ghaliex kellu xi studji ohra xi jtemm u jkun ordnat sacerdot. Dan gara fil-bidu tas-sena 1673.

Mhux kollox kien ward u zahar biex telaq lejn l-Indja. Ommu oggezjonat ghat-tluq ta' binha. Kienet ghadha ghaddejja minn burraxka minhabba l-mewt ta' binha Kristofru , fil-gwerra. Biex jevita t-tfixkil, Giovanni ma inghaqadx mal-missunarji l-ohra izda wahdu u fil-mohbi telaq mill-kunvent ghall-port sa ma wasal fejn il-vapur li kellu johodhom gewwa l-Indja. Fuq il-vapur huwa kiteb ittra ta' addio lil ommu.

Fis-sena 1673 wara vjagg ta' avventuri Giovanni wasal Goa. Wara li zar il-qabar ta' San Frangisk Saverju fil-knisja tal-Gizwiti huwa tenna mill-gdid il-vot li jahdem ghall-konverzjoni ta' l-Indjani u waqaf fil-kullegg tal-Gizwiti fejn temm l-istudju tat-teologija. Imbaghad tharreg fil-lingwi tal-post u wara mar fil-residenza li indikalu il-provincjal: Colei, fil-provincja ta' Gingia. Huwa ghazel li jterraq minn qalb il-muntanji Gati imma minhabba li l-vjagg kien fatikuz ghal ahhar huwa marad gravament u bhas-soltu wara li sejjah l-ghajnuna ta' San Frangisk Saverju huwa fieq. Huwa hadem bis-shih fil-missjoni li l-provincjal kien afdalu.

Meta sar jaf li ghal tmintax-il sena kienu ilu ma jidher missjunarju gewwa Marava', huwa ippjana li jmur hu stess u wara vjagg iebes hafna wasal hemm. Ftit zmien wara li wasal hemm, jigifieri fis-17 ta' Lulju tas-sena 1686 huwa kien diga ghammed aktar minn 2000 indjan. Hafna iljieli kien jghaddihom iqarar u jghammed.

Imma x-xitan ma hamilx li Giovanni jkompli jizra' il-gid ghaliex inqeda' bil-ministru tar-re ta' Marava' billi dan hareg mandat ta' arrest lill- missjunarju. Huwa gie torturat bil-flagelli u mgieghel jghaddi minn tbatijiet ohra anke umiljanti.

Talab li jkellem lir-re li meta ra li minn fommu ma hargitx hlief il-verita' helsu mill-habs fis-sena 1686. Waslet ittra mill-provincjal fejn fiha talbu jmur lura Ruma u jippresenta ruhu lil provincjal generali. Minkejja l-hafna obbjezzjonijiet huwa ceda minhabba l-ubbidjenza. Huwa nhatar prokuratur tal-missjoni u mill-gdid telaq lejn l-Indja.

Meta wasal gewwa Marava' huwa sab li r-re kien persekutur feroci ta' l-insara. Huwa kkonverta princep li kien qed imut u fejqu instantanjament. Skont l-ordni li tah il-qaddis dan kellu jirrinunzja ghal hames nisa li kellu u jaghzel biss wahda biex jizzewwigha. Wahda mill-imwarbin kienet in-neputija tar-re u dan xeghel il-qilla tieghu kontra Giovanni. Ir-re ta ordni Ii jinharqu l-knejjes ta' l-insara, jigu sakkeggjati d-djar tal-fidili u jigi arrestat il-qaddis. Biex isalva lil insara u lil djarhom huwa mar personalment jiltaqa' ma' l-ghedewwa tieghu li arrestawh bla dewmin. Tefghuh il-habs ma' insara ohra u hemm qaghdu jistennew lir-re jasal fil-kapitali.

Ir-re baghthu fuq il-fruntiera ta' Oriur. Wara vjagg ta' tbatija liema bhalu, b'saqajh idemmghu u b'sura li ma kienx baqghalu izjed dehra ta' bniedem, il-gvernatur ta' dik il-belt fuq ordni tar-re huh, qatghalu rasu.

Il-Papa Piju XII ghamlu qaddis fit-22 ta' Gunju 1947.